Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,037, 14 ta' April, 2023

Taqsima B

A.L. 82 tal-2023

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 217.13.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli.

2. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandu jikkonsisti fi tliet (3) diviżjonijiet, liema diviżjonijiet għandhom ikunu magħrufa bħala "l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni – l-Ewwel Diviżjoni", "il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni – it-Tieni Diviżjoni" u "l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni – it-Tielet Diviżjoni.".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Assenjazzjoni ta' każijiet bejn id-Diviżjonijiet.

3. L-assenjazzjoni tal-każijiet bejn it-tliet (3) diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandu jsir mis-Segretarju tal-Ewwel Diviżjoni tal-Bord skont rotazzjoni b'tali mod li t-tliet (3) diviżjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jiġu assenjati numru ugwali ta' każijiet.".